



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Jannar 2019
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0020(NLE)

5740/19
ADD 1

LIMITE

WTO 24
MAP 1
MI 62
PREP-BXT 24

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Jannar 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 46 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 46 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2019) 46 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.1.2019
COM(2019) 46 final

ANNEX

Limited

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat dwar l-Akkwisti Pubbliċi rigward l-adeżjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi fil-kuntest tal-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea

ANNESS
IT-TERMINI TAL-UE TAL-ADEŻJONI TAR-RENJU UNIT MAL-GPA GĦALIH
WAĦDU

Mad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi għar-Renju Unit għalih waħdu:

- il-punt 1 tat-Taqsima 2 (“L-Awtoritajiet Kontraenti tal-Gvernijiet Ċentrali tal-Istati Membri tal-UE”) tal-Anness 1 tal-Appendiċi I l-Impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut għandu jinqara kif ġej:

“1. Għall-prodotti, is-servizzi, il-fornituri u l-provdituri tas-servizzi tal-Liechtenstein, tal-Iżvizzera, tal-Iżlanda, tan-Norveġja, tan-Netherlands rigward Aruba u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, l-akkwisti tal-awtoritajiet kontraenti tal-gvernijiet ċentrali kollha tal-Istati Membri tal-UE. Il-lista ta’ hawn taħt hija indikattiva”.

- it-Taqsima 2 tal-Anness 6 tal-Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut għandha tinqara kif ġej:

“Meta l-kuntratti ta’ konċessjoni ta’ xogħol jingħataw minn entitajiet tal-Annessi 1 u 2, jiddaħħlu fir-reġim ta’ trattament nazzjonali għall-provdituri ta’ servizzi ta’ kostruzzjoni tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja, tan-Netherlands f’isem Aruba, l-Iżvizzera, Montenegro u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq, dejjem jekk il-valur tagħhom ikun ta’ 5,000,000 SDR jew iżjed, u għall-provdituri ta’ servizzi ta’ kostruzzjoni tal-Korea; dejjem jekk il-valur tagħhom ikun ta’ 15,000,000 SDR jew iżjed”.

- In-nota ta’ qiegħ il-paġna tat-titolu Appendiċi I Impenji tal-Unjoni Ewropea skont il-Ftehim rivedut għandha tinkludi n-nota ta’ qiegħ il-paġna li ġejja:

“Ir-referenzi kollha għall-awtoritajiet kontraenti u għall-entitajiet kontraenti tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta’ Fuq li fil-preżent jinsabu fl-iskeda tal-impenji tal-UE huma skaduti”.